Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-5 ta' Jannar, 2005

Numru 1083/2004

Il-Pulizija
(Sp Carmel Abdilla)
vs
Suzanne Casha, bint Anthony Cachia, imwielda Pieta' fl-14 ta'
Settembru, 1967

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputata talli matul ix-xahar ta' novembru, 2004 f'diversi bnadi fil-gżejjer maltin xjentement laqgħet għandha, xtrat ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew indaħlet biex tbiegħhom jew tmexxihom u cioe' apparat ta' stereo ta' vettura.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tal-5 ta' jannar, 2005 fejn ta

l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' jannar, 2005 fejn l-imputata ammettiet l-akkuża miġjuba kontra tagħha.

Rat il-fatt li l-prosekuzzjoni nfurmat il-Qorti li l-istereo tal-vettura in kwistjoni ġie ritornat li sidu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputata u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tagħha.  Rat l-artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali.  Rat il-fedina penali netta, l-ammissjoni fl-ewwel udjenza u ċirkostanżi oħra attenwanti.  Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bla kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------